**Stqarrija Speċifika tal-Privatezza**

**Konsultazzjoni pubblika dwar l-esperjenza tal-ewwel sena li matulha ġew applikati l-obbligi ta' ekoloġizzazzjoni skont l-iskema ta' pagament dirett (PAK) li fit-test qed tissejjaħ "konsultazzjoni"**

## 1. GĦAN

L-għan ta' din il-konsultazzjoni huwa li tilqa' l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati jew ta' persuni kkonċernati mis-suġġett tal-konsultazzjoni, u li potenzjalment tippubblikahom fuq l-Internet, taħt ir-responsabbiltà tad-Direttur tad-DĠ AGRI-R (id-Direttorat Ġenerali għall-Agrikultura u l-Iżvilupp Rurali), li jaġixxi bħala l-Kontrollur.

Billi dan is-servizz onlajn jiġbor u jipproċessa d-dejta personali, japplika r-Regolament (KE) 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta.

## 2. X'INFORMAZZJONI PERSONALI NIĠBRU U B'LIEMA MEZZI TEKNIĊI?

### Dejta ta' Identifikazzjoni

Id-dejta personali miġbura u li tiġi pproċessata hija d-dejta meħtieġa għall-parteċipazzjoni fil-konsultazzjoni, bħalma huma l-isem/il-kunjom/il-professjoni/l-indirizzi postali u tal-email, il-kategorija..., tal-kontributuri, inklużi l-opinjonijiet tagħhom dwar is-suġġetti kkonċernati.

L-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-dejta personali marbuta mal-organizzazzjoni u l-ġestjoni ta' din il-konsultazzjoni huma meħtieġa għall-ġestjoni u l-funzjonament tal-Kummissjoni, skont il-mandat mogħti mit-Trattati, u b'mod aktar speċifiku l-Artikoli 5 u 13 tat-TUE u l-Artikoli 244-250 tat-TFUE, kif ukoll skont l-Artikoli 1 u 11 tat-TUE.

### Informazzjoni teknika

Is-sistema tuża l-cookies tas-sessjoni biex tiżgura l-komunikazzjoni bejn il-klijent u s-server. Għalhekk il-brawżer tiegħek irid ikun konfigurat b'mod li jaċċetta l-cookies. Madankollu mill-kompjuter tiegħek ma tinġabar l-ebda tip ta' informazzjoni personali jew kunfidenzjali, u lanqas l-indirizz IP. Il-cookies jitilqu hekk kif tintemm is-sessjoni.

## 3. MIN GĦANDU AĊĊESS GĦALL-INFORMAZZJONI TIEGĦEK U LIL MIN TIĠI ŻVELATA?

- Il-kontributi li jaslu, flimkien mal-identità tal-kontributur, jiġu ppubblikati fuq l-Internet, sakemm il-kontributur ma joġġezzjonax għall-pubblikazzjoni tad-dejta personali tiegħu minħabba li din il-pubblikazzjoni tista' tkun ta' ħsara għall-interessi leġittimi tiegħu. F'dan il-każ, il-kontribut jista' jiġi ppubblikat b'mod anonimu. Inkella l-kontribut ma jiġix ippubblikat, u fil-prinċipju lanqas ma jiġi kkunsidrat il-kontenut tiegħu. Oġġezzjoni għall-pubblikazzjoni ta' dejta personali għandha tintbagħat lis-servizz responsabbli għall-konsultazzjoni (ara l-Informazzjoni ta' kuntatt hawn taħt).

## 4. KIF INĦARSU U NISSALVAGWARDJAW L-INFORMAZZJONI TIEGĦEK?

It-tweġibiet tiegħek, flimkien mal-lingwa magħżula tiegħek użata għall-abbozzar tat-tweġibiet, huma rreġistrati f'bażi tad-dejta sigura u protetta, miżmuma miċ-Ċentru tad-Dejta tal-Kummissjoni Ewropea, li l-operazzjonijiet tiegħu huma konformi mad-deċiżjonijiet u mad-dispożizzjonijiet tas-sigurtà tal-Kummissjoni stabbiliti mid-Direttorat tas-Sigurtà għal dawn it-tipi ta' servers u servizzi. Il-bażi tad-dejta mhix aċċessibbli minn barra l-Kummissjoni. Internament fil-Kummissjoni, wieħed jista' jaċċessa l-bażi tad-dejta permezz ta' UserId/Password.

L-aċċess għall-applikazzjoni jsir permezz ta' konnessjoni mhux kriptata bl-użu tal-protokoll normali tal-http.

## 5. KIF TISTA' TIVVERIFIKA, TIMMODIFIKA JEW TĦASSAR L-INFORMAZZJONI TIEGĦEK?

Jekk tkun trid tivverifika liema dejta personali qed tinħażen f'ismek mill-kontrollur responsabbli, jew jekk tkun trid tibdilha, tikkoreġiha jew tħassarha, ikkuntattja lill-Kontrollur billi tuża l-Informazzjoni ta' Kuntatt hawn taħt u spjeċifika b'mod espliċitu t-talba tiegħek.

## 6. GĦAL KEMM ŻMIEN INŻOMMU D-DEJTA TIEGĦEK?

Il-dejta personali tiegħek tibqa' fil-bażi tad-dejta sakemm ir-riżultati jkunu ġew analizzati kompletament, u ssir anonima meta tkun ġiet sfruttata għall-bżonn, u mhux aktar tard minn sena wara t-tmiem tal-konsultazzjoni.

## 7. INFORMAZZJONI TA' KUNTATT

Jekk tkun trid tivverifika liema dejta personali qed tiġi rreġistrata f'ismek mill-kontrollur responsabbli, jew jekk tkun trid tibdilha, tikkoreġiha jew tħassarha, jew jekk għandek mistoqsijiet dwar il-konsultazzjoni, jew dwar kull informazzjoni pproċessata fil-kuntest tal-konsultazzjoni, jew dwar id-drittijiet tiegħek, ikkuntattja lit-tim ta' appoġġ, li jopera fir-responsabbiltà tal-Kontrollur, billi tuża l-informazzjoni ta' kuntatt li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Iżvilupp Agrikolu u Rurali
Unità AGRI.D2 Ekoloġizzazzjoni, kundizzjonalità u POSEI
130, Rue de la Loi
B – 1049 Brussell
Il-Belġju
**Email:** AGRI-GREENING@ec.europa.eu

## 8. RIKORS

F'każ ta' kunflitt, l-ilmenti jistgħu jiġu indirizzati lill-Kontrollur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Dejta.